



Brussell, 9 ta' Diċembru 2025
(OR. en)

15610/25
ADD 3

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0294(NLE)

ACP 120
WTO 115
COAFR 325
RELEX 1519

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: Abbozz DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT TA' UFFIĊJALI GĦOLJA STABBILIT
BIL-FTEHM TA' SĦUBIJA EKONOMIKA BEJN L-UNJONI EWROPEA,
MIN-NAĦA WAĦDA, U R-REPUBBLIKA TAL-KENJA, MEMBRU TAL-
KOMUNITÀ TAL-AFRIKA TAL-LVANT, MIN-NAĦA L-OĦRA dwar il-qbil
tiegħu mal-adozzjoni mill-Kumitat Konsultattiv tal-FSE tar-Regoli ta'
Proċedura tiegħu

ABBOZZ

**DEĊIŻJONI Nru .../... TAL-KUMITAT TA' UFFIĊJALI GĦOLJA STABBILIT BIL-
FTEHIM TA' SĦUBIJA EKONOMIKA BEJN L-UNJONI EWROPEA,
MIN-NAĦA WAĦDA, U R-REPUBBLIKA TAL-KENJA, MEMBRU TAL-KOMUNITÀ
TAL-AFRIKA TAL-LVANT, MIN-NAĦA L-OĦRA**

ta' ...

**dwar il-qbil tiegħu mal-adozzjoni mill-Kumitat Konsultattiv tal-FSE tar-Regoli ta' Proċedura
tiegħu**

IL-KUMITAT TA' UFFIĊJALI GĦOLJA,

Billi:

- (1) L-Artikolu 108 tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika (FSE) bejn l-Unjoni Ewropea, min-naħa waħda, u r-Repubblika tal-Kenja, Membru tal-Komunità tal-Afrika tal-Lvant, min-naħa l-oħra (il-“Ftehim”), stabbilixxa l-Kumitat Konsultattiv tal-FSE bil-kompitu li jassisti lill-Kumitat ta' Uffiċjali Għolja jippromwovi d-djalogu u l-kooperazzjoni bejn ir-rappreżentanti tas-settur privat, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, inkluża l-komunità akkademika, u s-sħab soċjali u ekonomiċi, dwar il-kwistjonijiet kollha koperti mill-Ftehim.
- (2) L-Artikolu 108(4) tal-Ftehim jipprevedi li l-Kumitat Konsultattiv tal-FSE għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu bi qbil mal-Kumitat ta' Uffiċjali Għolja,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Kumitat ta' Uffiċjali Għolja stabbilit bil-Ftehim jaqbel mal-adozzjoni mill-Kumitat Konsultattiv tal-FSE tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu*.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ..., ...

*Għall-Kumitat ta' Uffiċjali Għolja
Il-Kopresidenti*

* Delegazzjonijiet: ara d-dokument f' ST 15610 ADD 4.